# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tlieta (3/2015) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2015, fil-5.00pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Sindku qal illi x-xogħol fuq il-ħajt ta' triq il-Kuċċard dalwaqt jitlesta [ref 3.1], u kkonferma li l-ħajt se jinbena fejn ittieħed l-art. Żied illi ħafna residenti kellhom opinjonijiet differenti fuq kemm kellhom isiru filati izda qal illi għandhom jaraw mal-Perit peress illi huwa responsabbli għall-proġett.

3.2 Is-Sindku qal illi hemm ħafna nuqqasijiet fil-proġett tal-Ħlantun li qed isir mill-MTA [ref punt 3.2]. Qal illi l-kameras qegħdin hemm izda dawn ma jaħdmux fil-preżent. Żied illi l-MTA qegħdin jgħidu li EneMalta tathom problemi għad-dawl izda li l-MTA stess neħħew żewġ bozoz li kienu hemm. Is-Sindku

insista li għandu jkun hemm dawl biżżejjed biex jiddawwal il-proġett. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm bzonn li jirranġaw il-ħaxix.

3.3 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-isleeping police [ref punt 3.3] għadhom kif kienu.

3.4 Is-Sindku ssuspetta li persuna mir-raħal li għandu l-*clearance* biex jidħol f'*restricted area* fejn hemm il-main swiċċ għad-dawl ta' triq Carmelo Caruana [ref pun 3.4], kien responsabli għan-nuqqas ta' dawl illi kien hemm fit-triq matul dawn l-aħħar ftit ġimgħat u li dan il-persuna kien qed jitfi d-dawl bħala att ta' vendikazzjoni. Is-Sindku qal illi Transport Malta u EneMalta qalu li r-responsabilta ma taqax taħthom u għalhekk ippropona li nagħlqu l-kaxxa u l-Kunsill biss ikollu aċċess. Qal illi peress illi dawn l-entitajiet ma ħadux ħsieb meta kien hemm din il-problema, m'għandhomx bżonn aċċess għall-iswiċċ.
Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna ngħarrfu li għandna suspett fuq persuna biex nieħdu azzjoni. Is-Sindku qal illi diġa tkellem ma xi ħadd. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-komunikazzjoni għandha ssir bil-miktub.

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandu jerġa jibgħat lil persuna rigward il-kors tal-bexx [ref punt 3.5].

3.6 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hu ċert illi l-impjegati tal-Kunsill, inkluz il-cleaner, kienu jafu dwar id-diskors li kien qed isir fuqhom [ref punt 7.3] u li ma qabilx li sar dan id-diskors. Qal illi suppost Kunsill għandu jkun unjoni izda individwu qed jgħid ħafna diskors minn wara dar kulħadd.
Il-Viċi Sindku Johan Mula, illi kien skużat mill-laqgħa preċedenti, qal illi avolja ma kien hemm l-ebda referenza għalih, ċaħad illi ma kienx il-persuna li qal dan id-diskors.
Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi fil-każ tal-cleaner, hi għandha tender u ma jistax jifhem kif tista titkeċċa peress illi għanda kuntratt. Ikkundana dan id-diskors.
Is-Sindku u l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qalu li t-tnejn li huma ħadmu mal-impjegati kollha u li huma kuntenti bihom.
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi anka waqt il-kampanja tal-elezzjoni, il-kunsilliera huma marbutin bil-kodiċi t'etika anka meta jkunu qegħdin jagħmlu house visits.

**4. Payment Approval Sheet**

4.1 Il-Payment Approval Sheet ġie approvat u ffirmat.

**5. Korrespondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkumenta fuq il-korrespondenza ta':

5.1 **Is-sur Lino Micallef [kuntrattur tal-Bulky Refuse]:** Għamel talba biex jibda jiġbor il-Bulky kull nhar ta' Sibt u mhux il-Ħamis. Qal illi s-Sibtijiet ikun jista jibda fis-7am u jkollu l-impjegati miegħu. Is-Sindku qal illi se jaċċetta biss jekk ilesti sad-9am. Il-Kunsill qabel mat-talba u dan is-servizz se jibda jsir kull nhar ta' Sibt mill-21 ta' Marzu 2015.

Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa dwar l-emajl/ittra ta':

5.2 **LEAP:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li hemm skema biex jiġu ħaddiema tal-ETC biex jaħdmu f'Kunsilli.

Il-Viċi Sindku staqsa dwar:

5.3 **ROAD SIGNS:** Il-Kunsill irċieva talba biex isir tabella fl-isqaq Ta' Ġawħar għaċ-ċiklisti. Is-Sindku qal illi hemmhekk mhux adekwat biex jinstaqu r-roti u jekk jinstaqu għandu jkun hemm skeda.

5.4 **Pace Osvaldo:** Il-Kunsill jista jakkwista siġar biex jitħawlu madwar ir-raħal. Il-kunsilliera qablu li għandna naraw jekk hemm opportunita biex napplikaw għall-area Ta' Ġawħar u l-Ħlantun. Is-Sindku qal illi għandhom jgħidulna meta għandna nirċievu s-siġar għax ma kien hemm l-ebda referenza għal meta għandhom jittieħdu.

**6. Proġetti**

6.1 **I.T Room:** Is-Sindku qal illi fil-ġranet illi ġejjin, l-I.T Room tkun lesta. Wara mistoqsija mill-kunsillier Publius Abdilla rigward it-target date tal-inawgurazzjoni tal-proġett, is-Sindku qal illi għandha ssir lejn l-aħħar ta' Marzu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill se jakkwista €15,000 minn fondi tal-Gvern għall-proġetti kapitali izda l-ewwel il-Kunsill se jara x'inhuma it-*terms and conditions* biex jittieħdu dawn il-fondi.

6.2 **Misraħ San Mattew/triq il-Ħajt Ruman**: Is-Sindku qal illi x-xogħol fuq il-proġett f'Misraħ San Mattew ma setax isir minħabba l-maltemp, izda x-xogħol se ssir lejn l-aħħar tal-ġimgħa.

6.3 **ATM**: Is-Sindku qal illi dan il-proġett wasal lejn l-aħħar. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa fuq min se ssir l-arloġġ. Is-Sindku rrisponda li se tkun tal-BOV. Il-Viċi Sindku Johan Mula ssuġġerixxa li nagħmlu avviz li l-ATM eżistenti se tkun magħluqa sakemm isir it-transfer tal-magna. Is-Sindku wieġeb li l-pubbliku mhux ser jintlaqat miċ-ċaqliq tal-ATM.

6.4 **Ġnien 31 ta' Marzu 1979**: Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm ħafna dustbins fil-ġnien. Il-kunsillier Pietru Pawl issuġġerixxa li nieħdu 2 minnhom għal triq San Pawl. Is-Sindku wieġeb li dawk li hemm huma disinjati fil-proġett.

6.5 **Dokumentarju:** Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi d-dokumentarju se jkun lest sal-aħħar tal-ġimgħa u li t-tnedija tal-proġett se ssir fl-20 ta' Marzu fis-7.30pm fis-sala tal-iskola.

6.6 **Southern Villages Tour:** Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi t-tnedija tal-proġett se ssir fil-25 ta' Marzu fil-Qrendi. Qal illi t-tour se ssir kull ġimagħtejn fejn darba jibdew minn Ħal Safi u jmorru l-Qrendi u darb'oħra jibdew fil-lokalita tal-Qrendi u jiġu Ħal Safi.

**7. Jum Ħal Safi**

7.1 Il-Kunsill qabel unaniment illi għaċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Ħal Safi 2015 nagħmlu riċeviment u quddiesa/banda biss.

**8. Ħwejjeġ Oħra**

**Is-Sindku**

8.1 Qal illi qiegħed f'kuntatt biex nakkwistaw €1000 għal-librerija b'impatt illi nonfqu €1000 oħra mill-allokazzjoni tagħna. Qal illi hemm l-istess tip ta' ftehim mad-DLG għall-ammont ta' €500. Il-Kunsill qabel illi joħorġu dawn l-ammonti għax-xiri ta' kotba.

8.2 Fakkar illi l-attivita [re-enactment] se ssir fl-14 tax-xahar fis-7pm u talab lill-kunsillier Publius Abdilla biex jintużaw il-faċilitajiet tal-Każin PN waqt l-attivita. It-talba tiegħu ġiet milqugħa. Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa kemm se jkun hemm nies jipparteċipaw. Is-Sindku qal illi se tkun ikbar mis-sena l-oħra.

**Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil**

8.3 Ma kellu l-ebda punt għall-Ħwejjeġ Oħra

**Il-kunsillier Publius Abdilla**

8.4 Qal illi hemm ħafna 'white goods' fl-area ta' Ġawħar.

**Il-kunsillier Carlo Stivala**

8.5 Qal illi hemm pothole quddiem il-BIS ta' triq il-Kuċċard. Is-Sindku qal illi jaf biha izda ma stajna nagħmlu xejn minħabba l-maltemp dan l-aħħar.

**Il-Viċi Sindku Johan Mula**

8.6 Qal illi hemm ħajt perikoluza fl-isqaq tal-Palma u staqsa jekk il-Kunsill jista jieħu azzjoni avolja l-proprjeta mhux tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi kien prova jieħu azzjoni izda ma nistgħux nidħlu fl-art privat. Filfatt kien diġa għamel talba lill-Gvern, u mhux fuq dan il-ħajt biss.

**9. Diskors tas-Sindku u l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil**

9.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil beda d-diskors fejn spjega li nies mir-raħal qalulu li rċievew ittra fejn intqal illi hu, kif ukoll is-Sindku, qegħdin iħallu lil min qed imexxi d-drogi fir-raħal. Kien hemm miktub illi huma qegħdin joffru protezzjoni lil kriminal lokali u li ma jridux jisimgħu minn xi ġenituri li ilhom jagħmlu talba biex ittieħed azzjoni kontra dan il-persuna. Fl-ittra kienu msemmin ukoll xi pulizija.
Is-Sindku u l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil marru l-għasa tal-pulizija bl-ittra u tkellmu mal-idrug squad.
Is-Sindku u l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ċaħdu dawn l-akkuzi u qalu li l-investigazzjonijiet se jkomplu jimxu.
Is-Sindku kellu erbgħa punti. L-ewwel staqsa jekk hemm kriminalta fir-raħal, fejn il-kunsilliera qablu unaniment illi m'hemmx. Il-persuna qal illi qegħdin joffru protezzjoni lill-persuna izda dan ma qalx x'protezzjoni qegħdin joffru. Ġie spjegat kif hemm individwu li hu kriminal izda ma jidhirx illi dan il-persuna huwa kriminal u qal illi matul l-aħħar snin il-Kunsill għamel minn kollox biex ma jkunx hemm dawn il-problemi fir-raħal. L-aħħar punt tiegħu kien illi dawn l-akkuzi huma serji ħafna izda ħadd ma mar fuqhu [jew għand il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil] biex jitkellmu fuq din il-"problema" fir-raħal.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-ispettur kien qal illi marru 3 darbiet biex jagħmlu search fuq il-propjeta tal-persuna msemmi bħala kriminal, izda qatt ma sabu drogi jew armi.
Il-kunsilliera kollha kkundannaw l-azzjoni tal-persuna/persuni li kiteb/kitbu l-ittra.
Is-Sindku zżied li dawn l-ittra m'huma xejn ħlief ħmieġ eletorali fil-konfront tiegħu u tal-kollega tiegħu.

10, **Laqgħa li jmiss**

10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.40pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fis-6 t' April 2015.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |